38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 1021
Imejl: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
*Freephone* 153

# Eżenzjoni ta' ħlas tal-parti tal-Prinċipal tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għal minn jimpjega *Carer*

## Ħarsa ġenerali

Persuna anzjana jew persuna b'diżabilità li timpjega *carer* (impjegat) jista' jitlob li jkun eżentat milli jħallas is-sehem tiegħu tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali bħala prinċipal li jħaddem *carer*. Minkejja dan, min iħaddem *carer*, xorta għandu jħallas il-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-*carer* (impjegat).

## X'ser jingħata

Ċertifikat ta' Eżenzjoni jinħareġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li jeżenta lill-applikant milli jħallas is-sehem tiegħu tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali bħala min iħaddem *carer*.

Iċ-Ċertifikat ta' Eżenzjoni huwa validu għal 12-il xahar u għandu jiġi mġedded kull sena jew wara bidla fiċ-ċirkostanzi ta' impjieg tal-*carer* (impjegat) (eż. bidla fil-*carer*).

L-applikant (min iħaddem) iħallas il-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-Klassi I f'isem il-*carer* (impjegat) lill-Kummissarju tat-Taxxi kull xahar permess tas-sistema FS-5. Madankollu, meta jiġi anness kopja taċ-Ċertifikat ta' Eżenzjoni maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, l-applikant (min iħaddem) jista' ma jħallasx is-sehem tiegħu ta' ħlasijiet ta' Kontibuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mill-ħlasijiet tal-FS-5.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

- Il-*carer* (impjegat) għandu jkun assigurat taħt is-Sigurtà Soċjali Maltija skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.) u għalhekk għandu jkollu numru ta' reġistrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali (applikazzjoni onlajn)
- L-applikant (min iħaddem) għandu jirreġistra l-impjieg tal-*carer* mal-Jobsplus u l-Kummissarju tat-Taxxi, u b'hekk ikollu numru PE (in-numru maħruġ permezz tal-Kummissarju tat-Taxxi meta jirreġistra bħala min iħaddem)
- Il-*carer* (impjegat) għandu jkollu permess tax-xogħol mill-Jobsplus

## Kif tapplika

Imla u ssottometti l-applikazzjoni onlajn.